MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-21 ta' April, 2003

Numru 323/2003

Il-Pulizija
(Sp Jason Agius u
Sp Neville Xuereb)
vs
Mohammed Jama, iben Jama,
imwieled Mogadishu, Somalia
fis-sena 1968

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta' frar, 2003, f'xi ħin bejn is-sitta u is-sitta u nofs ta' fil-għaxija ġewwa l-kumpless ta' Safi Barracks, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Said, Lance Bombardier 58911 tal-Forzi Armati ta' Malta, skond kif iċċertifikat Dr. Elizabeth Caruana Galizia M.D. ta' l-Isptar San Luqa liema feriti jistgħu jikkaġunaw jew x'aktarx jikkaġunaw debulizza

permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi nġurja, hedded jew għamel offiża fuq
il-persuna ta’ wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioe’ fuq
il-persuna ta’ David Said, Lance Bombardier 58911 tal-Forzi Armati ta’ Malta, waqt li kien għamel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9
tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta b’sentenza tad-29 ta’ settembru, 2002 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ april, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 216(1)(d) u 95(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu
446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief, jekk fi żmien sena mil-lum, l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena
tal-priġunerija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------